21 ta' Frar, 1964

Imħallef:

Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D

Spiridione L. Mizzi noe
*versus*
*Joseph Balzan*

**Azzjoni Kambjarja — Preżentazzjoni għall-ħlas — Spejjeż tal-kawża.**

*F'każ ta' l-azzjoni kambjarja prinċipali, jiġifieri dik diretta kontra l-aċċettant, meta l-preżentazzjoni għall-ħlas ma ssirx qabel ma ssir il-kawża, dan jinfluwixxi fuq l-ispejjeż tal-ġudizzju u mhux fuq il-ġudizzju stess.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lilu s-somma ta' ħamsa u ħamsin lira (£55.0.0.) ammont kompleasiv ta' ħamsa (5) drafts iffirmati minnu li skadew rispettivament draft kull xahar mill-ħamsa (5) ta' Awissu, 1963 sal-ħamsa (5) ta' Diċembru, 1963 (Dok. 1 sa 5) u ċioè kull draft ta' ħdax (£11) il-lira l-waħda. Bl-interessi kummerċjali middata tar-rispettiva skadenza tal-istess drafts u bl-ispejjeż.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi tal-attur jirriżulta li l-konvenut iffirma l-kambjalijiet li tagħhom qed jintalab l-import, u fil-fatt dan għadu dovut;

Illi hu veru li rriżulta wkoll li l-kambjalijiet ma ġewx preżentati għall-ħlas lill-konvenut qabel ma saret il-kawża. Ta' min però jinnota li l-azzjoni li qegħda tiġi esperita hija dik kambjarja prinċipali, in kwantu diretta kontra l-aċċettant u differenza minn dik ta' regress. Dan naturalment ma jistax ifisser li dik il-preżentazzjoni għall-ħlas ma missiex saret ukoll (ara art. 279 u 280 Kod. Kumm.), peress però għall-eserċizzju ta' l-azzjoni li qegħda tiġi eserċitata m'hemmx bżonn li qabel jirriżulta formalment in-nuqqas tal-ħlas (kif però rikjest għall-konservazzjoni ta' l-azzjoni l-oħra ta' regress), in-nuqqas ta' preżentazzjoni qabel il-kawża, u ċioè qabel il-preżentazzjoni fil-kawża, ma jistax ikollu ħlief l-effett li l-ispejjeż, li dina l-aħħar preżentazzjoni tinvolvi, jistgħu jkunu saru għal xejn u kwindi l-possessur tal-kambjala (i.e. l-attur ikun jipperikola li jeħilhom hu stess kemm-il darba d-debitur jopponi ruħu għalihom billi jafferma li jrid iħallas u kien iħallas kieku saritlu qabel il-preżentazzjoni. Ta' dina l-opinjoni hu l-Vivante (Trattato di diritto commerciale Ediz. V. Vol. III § 1259);

Illi hu ovju li dina l-oppożizzjoni trid issir fil-ġudizzju u kwindi min konvenut li ma jkunx baqa' kontumaċi; infatti għalkemm il-kontumaċja fil-qrati superjuri għandha titqies bħala kontestazzjoni, dan biss ifisser li l-konvenut ma għandux jitqies li qed jammetti t-talba u kwindi l-attur għandu jsostni t-talba tiegħu bil-provi, u l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu akkollati lill-konvenut kontumaċi li ħafna drabi wkoll ma jkunx ikkontesta formalment it-talba għax jidhirlu li m'għandux raġunijiet x'jopponi. Dana jidher li ġara fil-każ preżenti: anzi dana l-fatt flimkien ma' l-ieħor li ma sarx id-depożitu kontemplat fl-art. 252 tal-Kodiċi ċitat, juri li l-preżentazzjoni, kieku saret, kienet issir għal xejn għax il-ħlas ma kienx isir u hekk kienet tirrendi ruħha neċessarja l-proċedura li saret; dan hu wkoll argoment favur l-effett ġa ndikat li għandu jkollu n-nuqqas ta' preżentazzjoni, fis-sens li jinfluwixxi fuq l-ispejjeż tal-ġudizzju u mhux fuq il-ġudizzju stess;

Għal dawna l-motivi, fil-kontumaċja tal-konvenut:—

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.